Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,312, 31 ta' Lulju, 1996
Taqsima B

A.L. 149 ta' l-1996

ATT TA' L-1994 DWAR IL-KOMPETIZZJONI (ATT NRU. XXXI TA' L-1994)

Regolamenti ta' l-1996 dwar Eżenzjonijiet Ġenerali għal Ftehim ta' Distribuzzjoni Esklużiv

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 8 ta' l-Att ta' l-1994 dwar il-Kompetizzjoni, il-Ministru għas-Servizzi Ekonomiċi, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1996 dwar Eżenzjonijiet Ġenerali għal Ftehim ta' Distribuzzjoni Esklużiv.

Bidu fis-seħħ u Terminazzjoni.

2. Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Awissu, 1996 u jtemmu jseħħu fil-31 ta' Ottubru, 1999.

Għan.

3. Dawn ir-regolamenti jispeċifikaw l-eżenzjoni ġenerali suġġetta għal dawk il-kondizzjonijiet u limitazzjonijiet u kif dawn japplikaw għal kategoriji ta' Ftehim ta' Distribuzzjoni Esklużiv, deċiżjonijiet u prattika skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 5 ta' l-Att.

Tifsir.

4. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra —

"Att" tfisser l-Att ta' l-1994 dwar il-Kompetizzjoni, li jirregola l-kompetizzjoni u jipprovdi għall-kummerċ ġust f'Malta;

"Direttur" tfisser id-direttur fl-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta;

"impriżi komuni" tfisser dawk l-impriżi li fuqhom il-fornitur, li jkun parti fil-kuntratt, ikollu sehem parteċipattiv dirett jew indirett;

"Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust kif provdut fl-Att ta' l-1994 dwar il-Kompetizzjoni;

"oġġetti kontrattwali" tfisser l-oġġetti identifikati fil-kuntratt bejn il-fornitur u d-distributur;

"territorju kontrattwali" tfisser it-territorju li jkun hemm mahsub fil-kuntratt bejn il-fornitur u d-distributur.

Eżenzjoni Ġenerali.

5. Ftehim li għalih ikun hemm biss żewġ impriżi bħala partijiet tiegħu u li bih parti waħda taqbel mal-parti l-oħra li tforni ċertu oġġetti għal bejgħ mill-ġdid ġewwa l-area kollha jew area definita ta' Malta biss lil dik il-parti l-oħra, għandha tkun eżentata mis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 5 ta' l-Att, sakemm ma tiġi imposta ebda restrizzjoni oħra fuq il-kompetizzjoni li ma tkunx din li ġejja:

(a) li l-fornitur ikun obbligat li ma jfornix l-oġġetti kontrattwali lil utenti fit-territorju kontrattwali;

(b) li d-distributur esklużiv ikun obbligat li ma jimmanifatturax jew jiddistribwixxi oġġetti li jikkompetu ma' l-oġġetti kontrattwali;

(ċ) li d-distributur esklużiv ikun obbligat li jikseb oġġetti kontrattwali għal bejgħ mill-ġdid biss mingħand il-parti l-oħra;

(d) li d-distributur esklużiv ikun obbligat li jieqaf milli, barra t-territorju kontrattwali u dwar oġġetti kontrattwali, jfittex klijenti, jistabbilixxi xi fergħa, u jżomm xi depożtu ta' distribuzzjoni.

Applikabilità ta' Eżenzjoni Ġenerali.

6. (1) L-eżenzjoni ġenerali għandha tkun tapplika minkejja li d-distributur esklużiv jintrabat b'xi jew b'kull obbligazzjoni minn dawn:

(a) li jixtri tipi sħaħ ta' oġġetti ta' xorta simili jew kwantitajiet minimi tagħhom;

(b) li jbiegħ l-oġġetti kontrattwali bi *trade marks*, jew ippakkjati u preżentati kif speċifikat mill-parti l-oħra;

(ċ) li jagħmel miżuri għall-promozzjoni ta' bejgħ, b'mod partikolari:

(i) li jirreklama;

(ii) li jżomm *sales network;*

(iii) li jżomm ħażna ta' oġġetti;

(iv) li jipprovdi servizzi lill-klijenti u ta' garanzija;

(v) li jimpjega persunal li jkollu taħriġ speċjalizzat jew tekniku.

(2) L-eżenzjoni ġenerali għandha wkoll tkun tapplika minkejja li d-distributur esklużiv ikun obbligat li jirċievi l-oġġetti msemmiją fil-kuntratt li jkunu manifatturati minn impriża li jkollha x'taqsam mal-fornitur, li jkun parti fl-istess kuntratt.

Meta eżenzjoni ġenerali ma tkunx tapplika.

7. L-eżenzjoni ġenerali m'għandhiex tkun tapplika meta:

(a) iż-żewġ partijiet, inklużi wkoll partijiet fi ħdan grupp ta' impriżi, li jkunu fornituri ta' oġġetti identiċi jew ta' oġġetti li jkunu ikkunsidrati mill-utenti bħala ekwivalenti minħabba fil-karatteristiċi, il-prezz u l-użu ippjanat tagħhom, jidħlu fi ftehim ta' distribuzzjoni esklużiva reċiproku bejniethom innifishom dwar dawk l-oġġetti;

(b) parti waħda jew iż-żewġ partijiet jagħmluha diffiċli għal intermedjarji jew utenti li jiksbu oġġetti kontrattwali minn negozjanti oħra ġewwa Malta jew, sakemm ebda għajn oħra ta' forniment ma tkun disponibbli f'Malta, minn barra minn Malta, bil-patti konswetudinarji ta' dak il-pajjiż.

Irtirar mill-Kummissjoni.

8. Il-Kummissjoni qegħda b'dan tingħata s-setgħa li tirtira l-benefiċċju ta' din l-eżenzjoni ġenerali meta jirriżultalha f'każ partikolari, fuq talba tad-Direttur, li ftehim li jkun eżentat b'dawn ir-regolamenti madankollu ma jkunx jikkontribwixxi lejn biex jintlaħaq l-għan li tittejjeb il-produzzjoni jew id-distribuzzjoni ta' oġġetti jew biex jinġieb 'il quddiem il-progress tekniku jew ekonomiku u li ma jħallix lill-konsumatur sehem ġust mill-benefiċċju li jġib miegħu, u b'mod partikolari meta:

(a) l-oġġetti kontrattwali ma jkunux suġġetti, f'parti sostanzjali ta' Malta, għal kompetizzjoni effettiva minn oġġetti identiċi jew oġġetti li jitqiesu mill-utenti bħala ekwivalenti minħabba fil-karatteristiċi, il-prezz, u użu ippjanat tagħhom;

(b) id-distributur esklużiv:

(i) mingħajr ebda raġuni oġġettivament ġustifikata jirrifjuta iforni fit-territorju kontrattwali kategoriji ta' xerrejja li ma jistgħux jiksbu oġġetti kontrattwali band'oħra b'patti xierqa jew japplikalhom prezzijiet jew kondizzjonijiet ta' bejgħ differenti;

(ii) ibiegħ l-oġġetti kontrattwali bi prezzijiet eċċessivament għolja;

(ċ) l-aċċess minn fornituri oħra għall-istadji differenti ta' distribuzzjoni ġewwa t-territorju kontrattwali ikun wieħed xi ftit jew wisq diffiċli.